MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tas-27 ta' Ottubru, 2003

Numru 672/2002

**Il-Pulizija**
**(Spettur Simon Galea u Louise Vella)**

**vs**

**Victoria Sammut**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-imputata Victoria Sammut ta' 40 sena mwielda Pieta fl-24 ta' April 1962 mart Gaetano bint Paul Calleja u Felicita xebba Scibberas u li toqghod Fairlane Triq Birguma Naxxar u bin-numru tal-identita 273362 (M).

Akkuzata:

Talli fis-27 ta’ Gunju 2002 bejn is-sitta us-sebgha ta’ filghaxija f’ Sammut Concrete Supplies Ltd Triq l-Imdawra 1/0 Naxxar volontarjament hasret jew gharrqet hwejjeg haddiehor mobbli jew immobbli cioe f’vettura bin-numru tar-registrazzjoni JAJ941 liema ammont ta’ hsara jammonta ghal aktar minn hamsin lira Maltin (Lm50), izda ma teccedix il-hames mitt lira maltin (LM500), ghad-detriment ta’ Gaetano Sammut bin-numru tal-karta ta’ l-Identita 68359 M.

Aktar talli fl-istess hin lok u cirkostanzi volontarjament kissret il-bon ordni u l-paci pubblika b’ghajjat u glied.

Aktar talli fl-istess hin lok u cirkostanzi qalet kliem oxxen fil-pubbliku li jikkonsisti f’dagha.

Aktar talli fl-istess hin lok u cirkostanzi ghamlet lil Gaetano Peter u Albert Sammut ingurji jew theddid mhux imsemmijin band’ohra f’dan il-Kodici, jew jekk tkun ipprovokata, tingurja b’mod li johrog barra mil-limiti tal-provokazzjoni.

U aktar talli fis-26 ta’ Gunju 2002 fin-Naxxar kmieni filghodu, meta kienet fid-dmir li tiehu hsieb it-tifla Sarah ta’ disgha snin, minuri li m’hiex kapaci tiehu hsieb taghha innifisha, naqset li tiehu hsiebha kif jinhtieg.

Il-Qorti tista’ wkoll meta jidrilha xieraq biex tipprovdi ghas-sigurta tal-persuna ta’ haddiehor jew sabiex jinzamm il-bon ordni pubbliku, flimkien mal-piena jew minflok il-piena applikabbli ghar-reat torbot lill-hatja b’obbligazzjoni taghha nnfisha taht penali ta’ somma ta’ flus li tigi ffissata mill-Qorti.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza tinstema sommarjament mhux opposta.

Semghet ix-xhieda.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkonsidrat:

L-akkuzi kontra l-imputata jinvolvu r-reat ta’ hsara volontarja bi ksur ta’ l-Artikolu 325 (b) tal-Kap 9 flimkien mal-offizi kontrovenzjonali bi ksur tal-Artikolu 338 (dd), (bb) u 339 (e) (f).

Jirrizulta mix-xhieda prodotta li l-fatt li ta’ lok ghall-akkuzi hu relatat ma inkwiet fiz-zwieg. Fil-fatt mhux kontestat li l-inputata u l-kwerelant huma mizzewgin izda separati minn xulxin.

Issa jirrisulta, kif verbalizzat illum, li l-partijiet irrangaw bejniethom u l-Qorti qeghdha tifhem li ghalhekk il-kwerela giet rinunzjata. Dan ifisser li r-reati kontrovenzjonali m’ghadhomx ireggu hlief ghal dik taht l-Artikolu 339 (f) u dwarha l-provi huma insufficjenti u ghalhekk lanqas treggi.

Ghal dak li jirrigwarda l-hsara volontarja stante li titratta ta’ hsara fuq hwejjeg tal-mara jew ragel mizzewgin l-azzjoni kriminali mhux proponibbli.

Tiddecidi ghalhekk fuq l-iskorta ta’ dak fuq espost li tiddikjara meritu esawrit u f’ kull kaz tillibera lill-imputat minn kull htija u piena.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------